**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0341/2023**

7.11.2023

# RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE
(2022/2143(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali Kumitat
Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

(Proċedura b'kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

Rapporteurs: Yana Toom, Cyrus Engerer

## WERREJ

**Paġna**

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET ........................................3
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................8
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................16
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......17

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

### 1. Introduzzjoni

Fit-8 ta' Settembru 2022, ir-rapporteurs ġew fdati bl-inkarigu li jħejju rapport dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE fi proċedura b'kumitati konġunti skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura. Mill-ħatra tagħhom 'l hawn, ir-rapporteurs ġabru informazzjoni dwar is-suġġett b'mezzi differenti, inkluż kif ġej:

— Fil-15 ta' Diċembru 2022, ħadu sehem f'missjoni ġewwa Karlsruhe, fil-Ġermanja, sabiex ikollhom skambju ta' fehmiet ma' erba' mħallfin mit-Tieni Senat tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-Ġermanja. L-għan ta' dik il-missjoni kien li jiġi diskuss il-qari tagħha tad-duttrina tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar il-primazija tad-dritt tal-UE, b'mod partikolari wara s-sentenza tagħha tal-5 ta' Mejju 2020 rigward il-Programm ta' Xiri tas-Settur Pubbliku, u l-perspettiva tagħha tar-relazzjonijiet bejn l-ordni legali Ewropew u dak nazzjonali.

— Mit-22 sat-23 ta' Mejju 2023, huma għamlu vjaġġ għall-ġbir ta' informazzjoni f'Brno, ir-Repubblika Ċeka, sabiex jiltaqgħu ma' mħallfin u akkademiċi relevanti tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali biex jisimgħu il-fehmiet tagħhom dwar ir-relazzjoni bejn l-ordni legali Ewropew u dak nazzjonali u l-implikazzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ċeka wara s-sentenza tal-QĠUE fil-kawża C-399/09, Landtová, għall-iżvilupp ta' integrazzjoni legali Ewropea.

— Fit-28 ta' Ġunju 2023, huma ħadu sehem f'Sessjoni ta' Ħidma dwar il-Primazija tad-dritt tal-UE, organizzata mid-Dipartiment Tematiku, li kkonsistiet fi preżentazzjonijiet minn żewġ esperti u sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.

Dan ir-rapport ta' implimentazzjoni u l-attivitajiet relatati miegħu jsegwu għadd ta' avvenimenti u dibattiti preċedenti dwar il-primazija tad-dritt tal-UE fil-Parlament Ewropew matul is-snin, li kollha huma xhieda tal-importanza li l-Parlament jagħti lill-konformità ma' dak il-prinċipju u lill-monitoraġġ ta' tali konformità.

Ir-riċerka li saret s'issa wasslet għall-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, li jikkostitwixxu l-bażi għall-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-abbozz tar-rapport ta' implimentazzjoni ppreżentat mir-rapporteurs.

### 2. Il-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE

#### (a) Il-ġurisprudenza tal-QĠUE

Il-primazija hija prinċipju ewlieni tad-dritt tal-UE, li ġie żviluppat maż-żmien mill-ġurisprudenza tal-QĠUE. Il-pedament għall-iżvilupp tal-prinċipju tal-primazija ġie stabbilit permezz tad-deċiżjoni *Costa* v *E.N.E.L.* tal-1964, li impliċitament irreferiet għall-primazija tad-dritt tal-UE għall-ewwel darba[1]. Din tgħid li l-integrazzjoni tad-dritt tal-UE fil-liġi nazzjonali, u b'mod aktar ġenerali t-termini u l-ispirtu tat-Trattat, jagħmluha impossibbli għall-Istati Membri li jagħtu preċedenza lil miżuri unilaterali u sussegwenti fuq sistema legali

[1] QĠUE, Sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, *Costa* v *E.N.E.L.*, Kawża 6/64.

aċċettata minnhom abbażi ta' reċiproċità. Tindika wkoll li l-forza eżekuttiva tad-dritt tal-UE ma tistax tvarja minn Stat Membru għal ieħor, mingħajr ma timmina l-objettivi tat-Trattat u mingħajr ma twassal għal diskriminazzjoni bejn ċittadini tal-Istati Membri.

Għaldaqstant, il-ġustifikazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt mill-QĠUE hija essenzjalment ibbażata fuq il-ħtieġa għal applikazzjoni effettiva u uniformi tad-dritt tal-UE, li hija l-bażi għal ugwaljanza taċ-ċittadini skont il-liġi. Min-naħa l-oħra, l-effettività u l-uniformità tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, li mingħajrhom is-sistema prevista mit-Trattat - b'istituzzjonijiet li għandhom is-setgħa li jadottaw atti - ma tistax tiffunzjona, tista' tiġi żgurata biss jekk tieħu preċedenza fuq il-liġi nazzjonali.

Fid-deċiżjoni *Costa* v *E.N.E.L.*, il-QĠUE tikkonkludi li d-dritt li joħroġ mit-Trattat, sors ta' dritt indipendenti, minħabba n-natura speċjali u oriġinali tiegħu, ma jistax jiġi annullat mil-liġi nazzjonali, ikun x'ikun il-qafas tiegħu, mingħajr ma jiċċaħħad mill-karattru tiegħu bħala dritt tal-UE u mingħajr ma tiġi kkonstestata l-bażi legali tal-Unjoni nnifisha. Għalhekk, minn dik is-sentenza bikrija kien diġà jirriżulta li l-prinċipju tal-primazija jestendi għal kwalunkwe tip ta' liġi nazzjonali, b'tali mod li l-QĠUE tasserixxi sa mill-bidu n-natura assoluta tal-primazija. F'sentenzi maħruġa wara, il-Qorti tiċċara li d-dritt tal-UE jieħu preċedenza fuq il-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri[2], u tispeċifika li d-dispożizzjoni kunfliġġenti tal-liġi nazzjonali tista' tkun leġiżlattiva jew amministrattiva, li tinkludi mhux biss regoli ġenerali astratti iżda anke deċiżjonijiet amministrattivi individwali speċifiċi[3]. F'każ ieħor, il-Qorti tindika li kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali, kemm jekk preċedenti jew sussegwenti għar-regola tad-dritt tal-UE, hija soġġetta għall-prinċipju tal-primazija[4]. Għaldaqstant, din tinkludi l-liġi tal-Istati Membri b'mod sħiħ, lil hinn mill-klassifikazzjoni tad-dispożizzjoni jew minn meta ġiet adottata.

Il-kunċett tal-primazija ma jimplika ebda ġerarkija bejn id-dritt tal-UE u l-liġi nazzjonali. Minflok, huwa jfisser li, f'każ ta' kunflitt, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li ma japplikawx liġi nazzjonali li hija kuntrarja għad-dritt tal-UE[5]. Jekk il-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà diretta jkunu ssodisfati, l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li japplikaw id-dispożizzjoni tad-dritt tal-UE[6]. Jekk le, l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li jinterpretaw il-liġi nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-UE[7].

### (b) Id-dritt primarju

Minkejja din il-ġurisprudenza bi tradizzjoni twila u stabbilita sew, il-primazija tad-dritt tal-UE mhijiex minquxa fit-Trattati. Kienet prevista kodifikazzjoni tal-prinċipju fit-Trattat Kostituzzjonali, li fl-Artikolu I-6 kien jistipula li l-Kostituzzjoni u l-liġi adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-eżerċitar ta' kompetenzi mogħtija lilhom kellhom primazija fuq il-liġi tal-Istati Membri. Wara li l-Kostituzzjoni ġiet abbandunata, din il-klawżola ma ddaħħlitx fit-Trattat ta' Liżbona. Minflok, id-Dikjarazzjoni Nru. 17 li tirrigwarda l-primazija hija annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva, li adottat it-Trattat ta' Liżbona. F'din id-Dikjarazzjoni, il-Konferenza tfakkar li, f'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita sew tal-QĠUE, it-Trattati u l-liġi adottati mill-Unjoni abbażi tat-Trattati għandhom primazija

[2] QĠUE, Sentenza tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft, Kawża 11/70.
[3] QĠUE, Sentenza tad-29 ta' April 1999, Ciola, Kawża C-224/97.
[4] QĠUE, Sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal II, Kawża 106/77.
[5] QĠUE, Sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal II, Kawża 106/77.
[6] QĠUE, Sentenza tal-5 ta' Frar 1963, van Gend en Loos, Kawża 26-62.
[7] QĠUE, Sentenza tal-10 ta' April 1984, von Colson, Kawża 14/83.

fuq il-liġi tal-Istati Membri, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mit-tali ġurisprudenza. Madankollu, tali dikjarazzjonijiet adottati minn konferenza intergovernattiva li tirrevedi t-Trattati, ma għandhomx l-istess forza legali tat-Trattati u tal-Protokolli. Madankollu, bir-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona u tad-Dikjarazzjoni Nru. 17, l-Istati Membri impliċitament aċċettaw il-prinċipju tal-primazija. Barra minn hekk, ir-reviżjonijiet tat-Trattati qatt ma ntużaw mill-Istati Membri biex tiġi limitata l-primazija tad-dritt tal-UE.

Fid-dibattitu dwar l-adegwatezza tal-kodifikazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE, jiġu espressi dubji dwar l-effettività ta' tali kodifikazzjoni, peress li din ma ssolvix waħda mill-problemi ewlenin sottostanti tal-isfidi ta' dak il-prinċipju, li hija l-problema ta' min għandu s-setgħa aħħarija li jiddeċiedi x'jaqa' u x'ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-UE. Madankollu, ir-rapporteurs jemmnu li, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE, huwa essenzjali li jinbidel l-istatus legali tiegħu. Il-kodifikazzjoni tal-prinċipju fid-dritt primarju jista' jikkontribwixxi biex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn l-ordni legali tal-UE u dak nazzjonali u jiġu mitigati l-kunflitti.

**3. Kontestazzjonijiet għall-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE**

Peress li l-prinċipju tal-primazija jrid jiġi applikat fil-livell nazzjonali, huwa essenzjali li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jirrispettaw il-preċedenza tad-dritt tal-UE. Fid-dawl tal-importanza tiegħu għall-funzjonament tal-Unjoni, dan il-prinċipju fundamentali huwa ġeneralment aċċettat fl-Istati Membri, u qrati kostituzzjonali nazzjonali ġeneralment akkomodaw il-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE fil-prattika, u jqisu li l-kunflitti huma eċċezzjonali u mhux probabbli. Dan ġie ddikjarat b'mod espliċitu minn diversi qrati kostituzzjonali nazzjonali. Madankollu, il-maġġoranza tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali jqisu l-kostituzzjoni tagħhom bħala l-bażi għall-primazija tad-dritt tal-UE, iżjed milli d-dritt tal-UE nnifsu. Tali qrati nazzjonali jiddeduċu wkoll mill-ordnijiet kostituzzjonali nazzjonali ċerti limiti għall-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, u jqisu li finalment huma nfushom għandhom is-setgħa ta' rieżami rigward miżuri meħuda skont id-dritt tal-UE.

Tali limiti jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, ir-rispett tal-kompetenzi tal-UE u l-preservazzjoni tal-identità kostituzzjonali nazzjonali. B'mod speċjali, il-qrati kostituzzjonali tal-Ġermanja u tal-Italja kienu diġà żviluppaw tali limiti fis-snin 70. Ġurisprudenza simili ġiet stabbilita wkoll fi Stati Membri oħrajn. F'dawn l-aħħar snin, madankollu, il-preċedenza tad-dritt tal-UE ġiet ikkontestata aktar serjament minn ċerti qrati kostituzzjonali nazzjonali. Il-qrati supremi tal-Ġermanja, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija sfidaw fil-beraħ lill-QĠUE billi rrifjutaw espressament li japplikaw id-deċiżjonijiet tagħha.

Importanti li wieħed jinnota li s-sentenzi tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali, li kkontestaw il-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE, ivarjaw fil-kuntest kostituzzjonali, l-argumentazzjoni u s-sostanzjar tagħhom, kif ukoll fil-konsegwenzi prattiċi li għandhom f'termini ta' kkontestar tal-ordni legali tal-UE. Madankollu, dawk is-sentenzi kollha jqajmu tħassib rigward l-unità tad-dritt tal-UE u l-awtorità tal-QĠUE. Il-Kummissjoni, fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt 2022 tagħha, ukoll tenfasizza li ċerti deċiżjonijiet meħuda minn qrati kostituzzjonali nazzjonali qajmu tħassib dwar il-primazija tal-liġi tal-UE. F'xi wħud minn dawn il-każijiet, il-

Kummissjoni introduċiet proċeduri ta' ksur[8], filwaqt li f'każijiet oħrajn ma fetħitx proċedura ta' ksur – kontra r-Repubblika Ċeka fil-kawża Landtová jew kontra d-Danimarka fil-kawża Ajos – jew għalqet il-proċedura ta' ksur, peress li kienet sodisfatta bl-ispjegazzjonijiet tal-gvern – kontra l-Ġermanja fil-kawża PSPP. Madankollu, b'kont meħud tan-numru totali ta' rinviji preliminari lill-QĠUE, kien hemm biss ftit li xejn kunflitti mal-qrati kostituzzjonali nazzjonali.

**4. Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari bħala djalogu**

Skont l-Artikolu 19(3)(b) tat-TUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 tat-TFUE, il-QĠUE toħroġ deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati u l-validità u l-interpretazzjoni tad-dritt sekondarju tal-UE, biex b'hekk għandha kompetenza esklussiva f'dan ir-rigward. F'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 tat-TFUE, il-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza huma obbligati li jibdew proċedura ta' rinviju preliminari jekk tqum tali kwistjoni.

Il-proċedura ta' rinviju preliminari toffri l-possibbiltà li jissolvew kunflitti bejn il-qrati supremi b'mod kostruttiv. Fil-kawża Taricco[9], il-QĠUE uriet ir-rieda tagħha li tbiddel ir-raġunament tagħha fit-tieni deċiżjoni preliminari mitluba mill-istess qorti kostituzzjonali nazzjonali li kienet bdiet l-ewwel rinviju preliminari. Għaldaqstant, din il-kawża hija meqjusa bħala eżempju ta' djalogu effettiv, li dwaru l-qrati supremi laħqu qbil. F'dak is-sens, il-kunflitti kostituzzjonali xi drabi jistgħu jħallu l-frott f'termini tal-iżvilupp tal-ordni legali tal-UE. Il-kooperazzjoni bejn il-qrati supremi tipprevedi wkoll l-opportunità li jiġu żviluppati prinċipji kostituzzjonali komuni abbażi tal-prinċipji kostituzzjonali nazzjonali. Bil-għan li tiġi definita bażi komuni, ikun tassew siewi jekk l-imħallfin tal-qrati supremi jieħdu sehem regolarment fi djalogu informali billi jużaw il-mezzi kollha disponibbli, bħal konferenzi, networks jew żjarat ta' skambju.

**5. Konklużjonijiet**

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, ir-rapporteurs iqisu li dan ir-rapport ta' implimentazzjoni għandu jenfasizza, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet li ġejjin:

- il-QĠUE, bħala l-qorti esklussivament kompetenti għall-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-UE, tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju tal-primazija;
- il-prinċipju tal-primazija huwa vinkolanti fuq il-korpi kollha tal-Istati Membri, u l-forza esklussiva tad-dritt tal-UE ma tistax tvarja minn Stat Membru għal ieħor;
- għalkemm, fil-maġġoranza l-kbira tagħhom, il-qrati tal-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE, f'għadd ta' każijiet, il-qrati nazzjonali rrifjutaw li japplikaw il-konsegwenzi tas-sentenzi tal-QĠUE;
- l-effettività u l-uniformità tad-dritt tal-UE u l-awtorità tal-QĠUE jridu jiġu

[8] F'konformità mal-Artikolu 258 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tiftaħ proċedura ta' ksur quddiem il-QĠUE kontra Stat Membru li jkun naqas milli jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mill-prinċipju tal-primazija.
[9] QĠUE, Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, Taricco, Kawża C-42/17.

ppreservati;

— il-Kummissjoni għandha timmonitorja mill-qrib id-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali b'rabta mal-primazija tad-dritt tal-UE, u tibda proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE b'risposta għal deċiżjonijiet tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali li jikkonstestaw dak il-prinċipju;

— il-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE għandu jkun minqux fit-Trattati.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE (2022/2143(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 1, 2, 4 u 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 258, 267 u 344 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Nru. 17 dwar il-primazija, li hija annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Liżbona, iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007[10],

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fil-Polonja u l-preċedenza tad-dritt tal-UE[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport 2021 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt[12],

– wara li kkunsidra l-istudju ta' Lulju 2022 bit-titolu "The primacy of European Union Law" (Il-primazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea), ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tiegħu u ppubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni tal-Unjoni[13],

– wara li kkunsidra l-istudju tas-27 ta' April 2021 bit-titolu "Primacy's Twilight? On the Legal Consequences of the Ruling of the Federal Constitutional Court of 5 May 2020 for the Primacy of EU Law' ("L-Għabex tal-Primazija? Dwar il-Konsegwenzi Legali tas-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-5 ta' Mejju 2020 għall-Primazija tad-Dritt tal-UE"), ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tiegħu u ppubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni tal-Unjoni[14],

[10] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 344.
[11] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 154.
[12] ĠU C 479, 16.12.2022, p. 18.
[13] Studju – 'The primacy of European Union law'(Il-primazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea), Il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, Lulju 2022.
[14] Studju – "Primacy's Twilight? On the Legal Consequences of the Ruling of the Federal Constitutional Court of 5 May 2020 for the Primacy of EU Law" ("L-Għabex tal-Primazija? Dwar il-Konsegwenzi Legali tas-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-5 ta' Mejju 2020 għall-Primazija tad-Dritt tal-UE"), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 27 ta' April 2021.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta’ Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni biex jitfasslu rapporti fuq inizjattiva proprja,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta’ Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport konġunt tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0341/2023),

A. billi, skont l-Artikolu 2 tat-TUE, l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta’ persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri; billi r-rispett għal dawn il-valuri huwa prekundizzjoni għall-adeżjoni mal-Unjoni u obbligu għall-Istati Membri tal-UE; billi r-rispett għad-dritt tal-UE jimplika l-konformità mad-dritt primarju u sekondarju tal-UE u, għaldaqstant, mal-prinċipju ewlieni ta’ primazija tad-dritt tal-UE; billi, skont l-Artikolu 4(3), is-subparagrafu 2 tat-TUE, l-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jiżguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet ta’ l-Unjoni jitwettqu’

B. billi, bħala komunità bbażata fuq l-istat tad-dritt, l-UE tiddependi fuq l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi u uniformi tad-dritt tagħha mill-QĠUE u mill-qrati tal-Istati Membri; billi tali effikaċja u uniformità jistgħu jiġu żgurati biss jekk id-dritt tal-UE jieħu preċedenza fuq id-dritt nazzjonali diverġenti fl-oqsma fejn id-dritt tal-UE huwa applikabbli; billi l-prinċipju ta’ primazija għalhekk jikkostitwixxi pedament tal-ordni legali tal-UE, li huwa essenzjali għall-funzjonament tal-UE;

C. billi l-prinċipju ta’ primazija tad-dritt tal-UE mhuwiex biss prinċipju legali iżda wkoll riflessjoni tal-integrazzjoni politika u ekonomika tal-UE; billi, fl-istess spirtu, il-prinċipju ta’ primazija jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ “għaqda dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli tal-Ewropa,”, kif previst mit-Trattati; billi l-primazija tad-dritt tal-UE hija intrinsikament marbuta wkoll mal-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi, peress li tiggarantixxi protezzjoni ugwali tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-UE liċ-ċittadini kollha tal-UE;

D. billi l-prinċipju ta’ primazija mhuwiex minqux b’mod espliċitu fit-Trattati, iżda żviluppa matul għexieren ta’ snin permezz tal-ġurisprudenza tal-QĠUE; billi fid-Dikjarazzjoni Nru. 17 dwar il-primazija, annessa mat-Trattat ta’ Liżbona, il-Konferenza tfakkar li, f’konformità mal-ġurisprudenza stabbilita sew tal-QĠUE, it-Trattati u l-liġijiet adottati mill-Unjoni abbażi tat-Trattati għandhom primazija fuq il-liġi tal-Istati Membri, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn tali ġurisprudenza;

E. billi, sa mis-sentenza storika tagħha *Costa* v *E.N.E.L.* tal-15 ta’ Lulju 1964 fil-Kawża C-6/64[15], il-QĠUE diversi drabi affermat mill-ġdid li d-dritt tal-UE jieħu preċedenza fuq id-dritt tal-Istati Membri, irrispettivament mill-grad tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew iż-żmien tal-adozzjoni tagħha; billi l-prinċipju ta’ primazija għalhekk japplika għal kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt intern, inklużi dispożizzjonijiet ta’ natura

[15] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta’ Lulju 1964, *Costa* v *E.N.E.L.*, C-6/64, ECLI:EU:C:1964:66.

kostituzzjonali, f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita sew tal-QĠUE; billi, bis-saħħa tal-istess ġurisprudenza, il-prinċipju japplika wkoll għal ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Istati Membri fejn dawk il-ftehimiet huma koperti mill-isfera ta' kompetenza tal-UE;

F. billi l-ordni ġuridiku tal-UE għandu l-għeruq tiegħu fit-trattati tad-dritt internazzjonali pubbliku, li huma adottati bis-saħħa ta' atti nazzjonali ta' ratifika; billi l-ordni ġuridiku tal-UE u l-ordni ġuridiku ta' kull Stat Membru huma t-tnejn applikabbli fit-territorju ta' Stat Membru; billi f'każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE u l-liġi nazzjonali, hija meħtieġa regola ta' kunflitt; billi l-prinċipju ta' primazija huwa regola ta' kunflitt bħal din;

G. billi l-prinċipju tal-primazija ma jimplikax ġerarkija bejn l-ordni legali tal-UE u dawk tal-Istati Membri, iżda minflok jitlob li, f'każ ta' dispożizzjonijiet kunfliġġenti tad-dritt tal-UE u l-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jeħtiġilhom ma japplikawx jew jinfurzaw dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali, u li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom jinterpretaw il-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-dritt tal-UE; billi dan joħroġ ukoll mill-prinċipju li d-dispożizzjonijiet nazzjonali konfliġġenti għandhom ma jiġux applikati, għandhom jitħassru jew jiġu emendati biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-UE;

H. billi d-djalogu kontinwu bejn il-QĠUE u l-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali rigward l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE jirriżulta minn fehim differenti tal-kompetenzi tal-UE u tal-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali, bħal fir-rigward tad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn it-tnejn u dwar min għandu l-awtorità aħħarija li jiddefinixxi jekk xi materja taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat mogħtija mill-Istati Membri lill-UE;

I. billi skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE, l-UE jeħtiġilha tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi fundamentali tagħhom, politiċi u kostituzzjonali, inkluża l-awtonomija lokali u reġjonali; billi r-relazzjoni bejn l-ordni ġuridiku tal-UE u l-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali hija bbażata fuq il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi kif minqux fl-Artikolu 4(1) tat-TUE; billi l-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE japplika biss fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE;

J. billi l-ġurisprudenza li tistabbilixxi l-prinċipju ta' primazija ġiet aċċettata b'mod wiesa' mill-Istati Membri; billi ċerti qrati kostituzzjonali u supremi nazzjonali madankollu ddefendew l-eżistenza ta' ċerti limiti għall-prinċipju tal-primazija, li jikkonċernaw l-aktar ir-rispett għall-kompetenzi tal-UE, l-identità kostituzzjonali nazzjonali u l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; billi tali interpretazzjonijiet mill-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali jistgħu jitqiesu bħala riżervi għall-prinċipju tal-primazija; billi qorti kostituzzjonali nazzjonali waħda kkontestat b'mod espliċitu l-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE fir-rigward tad-dritt kostituzzjonali nazzjonali; billi diversi qrati kostituzzjonali jew supremi oħra kkontestaw b'mod impliċitu l-prinċipju;

K. billi kemm il-QĠUE kif ukoll il-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali għandhom ir-rwoli leġittimi tagħhom fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ġuridiċi rispettivi; billi l-qrati nazzjonali u l-QĠUE jistgħu, skont il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, jidħlu fi djalogu kostruttiv dwar il-kunflitti bejn l-

ordni ġuridiku nazzjonali u l-ordni ġuridiku tal-UE;

L. billi, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 tat-TFUE, il-QĠUE għandha ġurisdizzjoni li toħroġ deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-interpretazzjoni tat-Trattati u l-validità u l-interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-UE fil-kuntest tal-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari; billi l-QĠUE għalhekk għandha kompetenza esklużiva li tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-UE;

M. billi t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 tat-TFUE jobbliga lill-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza li jagħtu bidu għal proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari jekk titqajjem tali kwistjoni; billi l-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza jistgħu jirreferu mistoqsijiet preliminari addizzjonali lill-QĠUE f'każ li l-qorti nazzjonali ma tkunx tista' tiddeċiedi l-kawża inkwistjoni abbażi tat-tweġiba preċedenti; billi skont l-Artikolu 344 tat-TFUE, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li ma jressqux tilwima rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Trattati għall-ebda metodu ta' riżoluzzjoni għajr dawk previsti fih għal dan il-fini;

N. billi skont l-Artikolu 258 tat-TFUE, il-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattati, għandha s-setgħa li tibda proċedimenti ta' ksur quddiem il-QĠUE kontra Stat Membru li jkun naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont it-Trattati, u billi, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u d-Dikjarazzjoni Nru 17 li tikkonċerna l-prinċipju ta' primazija annessa mat-Trattat ta' Liżbona, dik il-proċedura hija applikabbli wkoll fil-każ ta' ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-prinċipju ta' primazija; billi, skont l-Artikolu 40 tal-Istatat tal-QĠUE, u bi qbil mal-Artikolu 149(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Parlament jista' jintervjeni insostenn tal-Kummissjoni f'tali proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE;

O. billi, f'konformità mal-Artikolu 7 tat-TUE, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jissospendi wħud mid-drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati għal Stat Membru, jekk il-Kunsill Ewropew ikun iddetermina l-eżistenza ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE mill-Istat Membru inkwistjoni;

*Konklużjonijiet prinċipali*

1. Itenni li, permezz tal-adeżjoni tagħhom mal-UE, l-Istati Membri aderixxew mal-korp kollu tad-dritt tal-UE, inkluża l-ġurisprudenza tal-QĠUE, u mal-valuri u l-prinċipji kollha tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE, li huma, għaldaqstant, jikkondividu u impenjaw ruħhom li jirrispettaw f'kull mument; ifakkar li dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-prinċipju ta' primazija, li huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-UE fl-Unjoni kollha u biex tiġi ggarantita l-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-UE quddiem il-liġi;

2. Jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-valuri u l-prinċipji ewlenin bħall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt hija kompitu konġunt għall-ordni legali tal-UE u l-ordnijiet legali nazzjonali tal-Istati Membri, u għall-qrati inkarigati mill-interpretazzjoni ta' dawn l-ordnijiet legali;

3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-politiki u l-objettivi komuni tal-UE jiġu implimentati b'mod effettiv fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi promossa l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri;

4. Ifakkar li, għalkemm mhux minqux espliċitament fit-Trattati, il-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE japplika għall-korpi kollha tal-Istati Membri u l-effetti tiegħu huma vinkolanti fuqhom dejjem; jissottolinja l-effett tad-Dikjarazzjoni Nru 17 mehmuża mat-Trattat ta' Liżbona, rigward il-primazija;

5. Ifakkar li l-prinċipji ta' primazija tad-dritt tal-UE jew dak tal-preċedenza tad-dritt internazzjonali fuq id-dritt nazzjonali huma preżenti fl-ordni kostituzzjonali ta' diversi Stati Membri;

6. Ifakkar li l-identità nazzjonali tal-Istati Membri hija rikonoxxuta fl-Artikolu 4(2) tat-TUE, li jinkludi l-istrutturi kostituzzjonali tagħhom; itenni li f'termini prattiċi l-approċċ tal-QĠUE għall-Artikolu 4(2) tat-TUE huwa infurmat mill-analiżi tal-valuri komuni Ewropej, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE; jirrimarka, għalhekk, li r-referenzi għall-Artikolu 4(2) tat-TUE mill-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali qatt ma għandhom jintużaw biex jikkompromettu l-valuri komuni Ewropej; jissottolinja li l-applikazzjoni tal-Artikoli 4(2) u 5 tat-TUE tinvolvi djalogu attiv bejn il-qrati nazzjonali u l-QĠUE; ifakkar li huwa f'idejn il-QĠUE, ġaladarba għandha kompetenza esklussiva li tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-UE, li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju tal-primazija abbażi tal-applikazzjoni tat-Trattati tal-UE;

7. Jenfasizza li l-maġġoranza l-kbira tal-qrati tal-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE; jinnota li, mindu nħarġet is-sentenza *Costa* v *E.N.E.L.* tal-15 ta' Lulju 1964, kien hemm biss numru żgħir ħafna ta' kawżi li fihom qorti nazzjonali rrifjutat li tapplika l-konsegwenzi ta' deċiżjoni preliminari, meta mqabbel man-numru globali kbir ta' rinviji preliminari;

8. Jindika, madankollu, il-konsegwenzi negattivi tad-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali jew supremi nazzjonali li jikkontestaw, jew li ma jonqsu milli japplikaw il-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE; jenfasizza li, kieku kull qorti kostituzzjonali jew suprema nazzjonali kienet tista' tiddeċiedi dwar il-limiti tal-primazija tad-dritt tal-UE, l-effettività u l-uniformità tad-dritt tal-UE jkunu ferm ipperikolati u, konsegwentement, l-istess tkun il-garanzija għal trattament ugwali taċ-ċittadini u n-negozji madwar l-Unjoni; jissottolinja li l-kontestazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE abbażi tar-riżervi kostituzzjonali nazzjonali rigward ir-rispett għall-kompetenzi tal-UE jew l-identità kostituzzjonali nazzjonali, mingħajr ma jiġu riferuti mistoqsijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dawn is-sentenzi lill-QĠUE tista' timmina l-awtorità tal-QĠUE; jemmen li l-ġurisprudenza ta' kwalunkwe qorti kostituzzjonali jew suprema nazzjonali li tikkontesta l-prinċipju ta' primazija tista' tħeġġeġ ukoll lil qrati kostituzzjonali jew supremi tal-Istati Membri l-oħrajn jikkontestaw il-primazija tad-dritt tal-UE;

9. Ifakkar fid-diversità fost it-tradizzjonijiet legali speċifiċi għal kull Stat Membru; jemmen li tali differenzi huma wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għall-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali li jikkontestaw id-deċiżjonijiet tal-QĠUE; jenfasizza li l-QĠUE tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali bbażati fuq tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-ordnijiet legali tal-Istati Membri;

10. Jissottolinja li djalogu kostruttiv bejn il-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali u l-QĠUE huwa ta' benefiċċju għall-iżvilupp tad-dritt tal-UE peress li jista' jservi bħala mod kif jissolvew it-tensjonijiet bejn l-ordnijiet legali Ewropej u nazzjonali fir-rigward tad-diviżjoni tal-kompetenzi; jisħaq li tali djalogu għandu jkun kostruttiv u ma

jilleġittimizza l-ebda nuqqas ta' rispett għad-deċiżjonijiet tal-QĠUE;

11. Huwa tal-fehma li l-proċedura ta' referenza preliminari għandha rwol kruċjali fit-trawwim ta' djalogu ġudizzjarju liberu u kostruttiv u hija strument ewlieni biex jissolvew il-kunflitti bejn il-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza u l-QĠUE; jistieden lill-qrati kostituzzjonali u supremi nazzjonali jużaw il-proċedura ta' referenza preliminari meta jkun xieraq; jenfasizza li, peress li tiżgura l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE, il-proċedura ta' referenza preliminari hija prerekwiżit għall-konsistenza u l-awtonomija tal-ordni legali tal-UE; ifakkar li, f'ċerti kawżi, il-QĠUE diġà wriet ir-rieda tagħha li tbiddel ir-raġunament tagħha fit-tieni deċiżjoni preliminari mitluba mill-istess qorti kostituzzjonali nazzjonali li kienet bdiet l-ewwel rinviju preliminari, li turi li din il-proċedura tipprevedi djalogu effettiv bejn il-qrati; iqis li l-kunflitti bejn ċerti qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali u l-QĠUE jistgħu jixhdu nuqqas ta' djalogu matul il-proċedimenti;

12. Jilqa' l-bidu tal-proċedura leġiżlattiva bil-għan li jinbidel il-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-QĠUE; jemmen li distribuzzjoni aktar bilanċjata tax-xogħol bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali għandha tagħti spazju għal djalogu ġudizzjarju aktar intens bejn il-qrati u t-tribunali tal-UE u tal-Istati Membri, li jippermettilhom isolvu tensjonijiet persistenti rigward il-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE;

13. Jilqa' l-mekkaniżmi informali eżistenti kollha li jippermettu li jissaħħaħ id-djalogu ġudizzjarju bejn il-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali u l-QĠUE, bħal-Laqgħa tal-Imħallfin li tgħaqqad flimkien lill-President tal-QĠUE, lill-presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi nazzjonali, u n-Network Ġudizzjarju tal-pjattaforma tal-UE maħluqa fuq l-inizjattiva tagħhom fl-2017;

14. Jenfasizza li t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet bħala prinċipju demokratiku tapplika wkoll għall-ġudikatura u trawwem il-fiduċja tal-pubbliku fil-proċess ġudizzjarju; jemmen li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, il-fajls u r-rekords tal-qorti jikkontribwixxi għat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-ġudikatura fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni;

*Rakkomandazzjonijiet*

15. Jenfasizza li l-korpi eżekuttivi u leġiżlattivi tal-Istati Membri għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-Istat Membru rispettiv tagħhom jirrispetta d-dritt tal-UE; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-korpi eżekuttivi u leġiżlattivi għandhom jieħdu azzjoni biex jemendaw jew jirtiraw atti legali li jkunu nstabu li jiksru d-dritt tal-UE;

16. Jinnota li l-implimentazzjoni xierqa tad-dritt tal-UE u tal-ġurisprudenza tal-QĠUE hija essenzjali għar-rispett tal-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, fir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati, tibni fuq ir-rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE billi tintroduċi analiżi tas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-ġurisprudenza tal-QĠUE, inkluża tabella ta' valutazzjoni tal-konformità mas-sentenzi tal-QĠUE fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tibda wkoll il-proċedimenti xierqa kontra l-Istati Membri li jonqsu milli jimplimentaw id-dritt tal-UE, inklużi proċeduri ta' ksur;

17. Itenni d-dmir il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, biex timmonitorja mill-qrib is-sentenzi tal-qrati nazzjonali rigward il-primazija tad-dritt tal-UE u żżomm lill-

Parlament infurmat dwar kwalunkwe azzjoni meħuda bi tweġiba; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar kwalunkwe kunflitt possibbli, fid-dawl tar-responsabbiltà tagħha lejn il-Parlament skont it-Trattati;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE b'risposta għal sentenzi tal-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali li jikkontestaw il-prinċipju ta' primazija u b'hekk jirriżultaw fi ksur tad-dritt tal-UE, meta jfallu forom oħra ta' djalogu; jissuġġerixxi, barra minn hekk, li tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ksur;

19. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-QĠUE u l-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali jinvolvu ruħhom fi djalogu informali regolari, flimkien mal-mezzi ġudizzjarji ta' referenza preliminari; iħeġġeġ l-istabbiliment ta' forum li fih dawk il-qrati jistgħu jinġiebu flimkien, għal dan il-għan, fl-ispirtu ta' kooperazzjoni reċiproka bil-għan li titħeġġeġ l-armonizzazzjoni tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE fis-sistemi ġudizzjarji kollha; iħeġġeġ lill-Istati Membri individwali u lill-Kummissjoni jappoġġaw dawn l-isforzi; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet akkademiċi u lill-korpi legali fl-UE jinkorporaw moduli komprensivi dwar il-prinċipju ta' primazija fil-kurrikuli tagħhom, bil-għan li jitrawmu fehim u apprezzament aktar profondi ta' dan il-prinċipju bażi fost il-prattikanti legali u dawk li jfasslu l-politika futuri;

20. Jenfasizza li l-muftieħ għal djalogu produttiv u l-implimentazzjoni xierqa tal-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE huwa l-bini tal-kapaċità adegwat; jappella, għalhekk, sabiex isir użu mill-programm tal-UE li joffri taħriġ fir-reqqa u mmirat għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri, inklużi l-imħallfin, il-maġistrati, l-avukati, il-prosekuturi u dawk li jaħdmu fis-settur pubbliku, kif ukoll għal dawk li jfasslu l-politika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE sabiex jitħeġġeġ fehim aħjar tal-primazija tad-dritt tal-UE, l-ordni legali tal-UE b'mod ġenerali u l-konsegwenzi tal-implimentazzjoni skorretta tad-dritt tal-UE u tal-ġurisprudenza tal-QĠUE;

21. Jinnota li f'xi każijiet in-nuqqas ta' qbil tal-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali mad-deċiżjonijiet tal-QĠUE huwa relatat mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, speċifikament meta l-qrati nazzjonali jinterpretaw id-drittijiet fundamentali mogħtija mid-dritt tal-UE bħala inqas protettivi mid-drittijiet fundamentali mogħtija mill-kostituzzjoni nazzjonali; iqis li l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tista' tnaqqas il-potenzjal ta' kunflitti f'dan il-qasam billi tintroduċi aktar salvagwardji li jipproteġu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE u tipprovdi mekkaniżmu addizzjonali għall-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri l-possibbiltà li jitressaq ilment quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżulta minn att minn istituzzjoni tal-UE jew Stat Membru li jimplimenta d-dritt tal-UE, li jaqa' taħt il-kompetenza ta' dik il-qorti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-konklużjoni rapida ta' dan il-proċess ta' adeżjoni;

22. Jinnota li l-Istati Membri li huma s-suġġett ta' proċedura tal-Artikolu 7 għall-imminar sistemiku tagħhom tal-istat tad-dritt ikkontestaw b'mod strateġiku l-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE għal raġunijiet politiċi; iqis każijiet bħal dawn tal-imminar sistematiku tal-istat tad-dritt bħala theddida għall-ordni legali fl-Istat Membru kkonċernat u għall-kooperazzjoni sinċiera fost l-Istati Membri, kif ukoll għan-nuqqas ta' dak l-Istat Membru li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont it-Trattat; itenni l-appell tiegħu

lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha biex tindirizza l-ksur eżistenti u potenzjali tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jisħaq fuq id-determinazzjoni tal-Parlament li jibda l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7 tat-TUE f'każijiet ta' riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri tal-UE u jtenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jagħmel sforzi konkreti u kredibbli biex javvanza l-proċedimenti kollha tal-Artikolu 7 li għaddejjin bħalissa;

23. Jinnota li għadd ta' pajjiżi kandidati bħalissa jinsabu fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li l-proċess ta' adeżjoni jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-rigward tal-ordni ġuridiku tal-UE u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE; jipproponi l-istabbiliment ta' djalogu strutturat regolari bejn il-QĠUE u l-qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali tal-pajjiżi kandidati;

24. Jirrakkomanda li, f'każ ta' reviżjoni tat-Trattati, il-prinċipju tal-primazija jiġi inkluż bħala dispożizzjoni espliċita tat-Trattat; ifakkar li l-preċedenza tad-dritt tal-UE ġiet stabbilita espliċitament fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa; jiddispjaċih għall-fatt li din il-klawżola dwar il-primazija ma ġietx inkluża fit-Trattat ta' Liżbona;

°

° °

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | <br><br>15.9.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Patrick Breyer, Włodzimierz Cimoszewicz, Ana Collado Jiménez, Gwendoline Delbos-Corfield, Salvatore De Meo, Geoffroy Didier, Daniel Freund, Ibán García Del Blanco, Charles Goerens, Brice Hortefeux, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Jaak Madison, Max Orville, Sabrina Pignedoli, Giuliano Pisapia, Jiří Pospíšil, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Franco Roberti, Domènec Ruiz Devesa, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Rainer Wieland, Tiemo Wölken, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Alessandra Basso, Vladimír Bilčík, Cyrus Engerer, Alin Mituța, Kosma Złotowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Anne-Sophie Pelletier |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 30 | + |
|---|---|
| NI | Sabrina Pignedoli |
| PPE | Vladimír Bilčík, Ana Collado Jiménez, Salvatore De Meo, Jiří Pospíšil, Paulo Rangel, Sven Simon, Axel Voss, Marion Walsmann, Rainer Wieland, Javier Zarzalejos |
| Renew | Charles Goerens, Alin Mituța, Max Orville, Adrián Vázquez Lázara |
| S&D | Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Cyrus Engerer, Ibán García Del Blanco, Maria-Manuel Leitão-Marques, Giuliano Pisapia, Franco Roberti, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Tiemo Wölken |
| The Left | Helmut Scholz |
| Verts/ALE | Damian Boeselager, Patrick Breyer, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund |

| 9 | - |
|---|---|
| ECR | Raffaele Stancanelli, Kosma Złotowski |
| ID | Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Jaak Madison, Antonio Maria Rinaldi |
| PPE | Geoffroy Didier, Brice Hortefeux |
| The Left | Anne-Sophie Pelletier |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni